MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 422/2009

**Saviour sive Silvio Vella (ID 806059M)**

**Vs**

**1. MiddleSea Insurance plc (C553) u**
**2. Godwin Caruana (ID 248958M) ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex l-intimati jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundannati li, prevja dikjarazzjoni illi:

a) fl-10 ta' Settembru, 2005 sehh incident awtomobilisiku fi Triq M.A. Vassallo, San Giljan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OWL 058 misjuqa mill-intimat Caruana, u l-vettura bin-numru tar-

registrazzjoni IHQ 066 misjuqa minn Raymond Curmi u proprjeta' tar-rikorrent;
b) Il-partijiet, u s-socjetajiet assikurattivi rispettivi taghhom qablu illi l–mertu ta' l-incident jigi deciz peress ta' arbitragg bejniethom, u dana skond l-iskrittura annessa u mmarkata bhal Dok A;
c) Permezz ta' lodo datat 9 ta' Awwissu, 2006 l-Arbitru Dottor Mark Chetcuti ddecieda illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament l-intimat Caruana, pero' ma dahalx fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni – kopja ta' liema lodo huwa anness u mmarkat bhala Dok B.
d) L-intimati, debitament interpellati sabiex jersqu ghall-likwiazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti baqghu u inadempjenti.

Ihallsu lir-rikorrent kull somma ta' danni li jistghu jigu illikwidati minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominadi, rapprezentanti danni konsistenti kemm f'danni materjali, kif ukoll f'telf ta' introjtu, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Awwissu, 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati in solidum u bejniethom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza, ir-rikorrent jiddikjara illi s-somma ta' danni pretiza minnu ma teccedix il-valur ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenn euro centezmi (€11,646.87).

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 sa fol 8 tal-atti u markat Dok A.

Rat ir-risposta tal-intimati (konvenuti) a fol 14 ibid u li biha esponew bir-rispett illi biha huma jeccepixxu illi l-attur irid jaghmel prova preciza u skond il-ligi tad-danni allegatament minnu sofferti.

Rat id-digriet Taghha moghti fid-9 ta' Dicembru 2009 (fol 16 ibid) u li bih giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited'.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2010 (fol 22 ibid) is-socjeta' kjamata fil-kawza, avolja notifikata, giet imsejjha

skond il-ligi izda ma dehritx quddiem il-Qorti u ghalhekk gie presentat Kapitolu ghas-subizzjoni taghha (fol 23 ibid).

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2010 l-istess socjeta kjamata fil-kawza ingunta ghas-subizzjoni ma dehritx (ara il-verbal kollu a fol 24 ibid).

Rat l-'affidavit' tal-istess rikorrenti (fol 27 et seq ibid) u d-dokumenti annessi mieghu.

Rat in-nota tar-rikorrenti (fol 53 ibid) u li biha ceda l-atti tal-kawza, fil-konfront biss, tas-socjeta' intimata u tal-intimat.

Rat in-nota ulterjuri tal-istess rikorrenti (fol 54 ibid) u li biha rriduca l-ammont pretiz minnu ghall-ammont ta' €10,731.08 ghar-raguni hemm indikata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, minn dak kollu premess, jirrisulta illi s-socjeta' kjamata fil-kawza ghandha tigi konsiderata bhala kontumaci billi ma gewx kontestati minnha t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni utlerjuri tal-atti fil-konfront tas-socjeta' MiddleSea Insurance plc' u ta' Godwin Caruana u tiddikjara dan il-procediment bhala esawrit fil-konfront ta' dawn, tilqa' t-talibet kollha kif dedotti mill-istess rikors fil-konfront tas-'socjeta' Peak Insurance Brokers Ltd' u tikkundanna lill-istess socjeta' 'Peak Insurance Brokers Limited' sabiex thallas lill-istess rikorrenti s-somma, kif ridotta ta €10,731.08 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tar-rikors in esami cjoe mit-3 ta' Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------